MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 2543/2002

***Joseph Manicaro***

***vs***

***William Bugeja proprju u ghan-nom***
***tad-ditta "Bugeja & Bugeja"***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Ottubru 2002, fejn intalab li l-konvenut proprio et. nomine jigi kkundannat ihallas lill-attur s-somma ta' mitejn u erbgha u sebghin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm274.85c) rappresentanti prezz ta' parts mibjugha lill-konvenut proprio et. nomine skond invoice datata 17 ta' April 2002, esibita u annessa ma' l-avviz bhala Dokument A.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali tat-2 ta' Ottubru 2002, esibita u mmarkata bhala Dokument B, kontra l-konvenut proprio et. nomine.

Ra li l-konvenut proprio et. nomine debitament notifikat baqa' ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' l-avukat Dr. Christopher Vella ghan-nom ta' l-attur, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti u cioe' kopja ta' l-invoice datata 17 ta' April 2002, Dokument A, anness ma' l-avviz kif ukoll kopja ta' l-ittra legali datata 2 ta' Ottubru 2002, esibita u mmarkata bhala Dokument B.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut proprio et. nomine jhallas lill-attur s-somma ta' mitejn u erbgha u sebghin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm274.85c), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra legali tat-2 ta' Ottubru 2002 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut proprio et. nomine.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**

--------------------------------TMIEM--------------------------------